# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-29 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru : 405/2020 JPG**

**Kawza Numru : 42**

**CM**

**U**

**JF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors konġunt ta' CM u JF, datat 23 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti żżewġu nhar id-disgħa (09) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx ulied;*

3. *Illi r-rikorrenti ilhom legalment separati minn xulxin minn nhar is-sitta u għoxrin (26) t' April tas-sena elfejn u għaxra (2010) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Joseph Debono hawn anness u mmarkat bħala 'Dok B';*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separati minn xulxin;*

5. *Illi m'hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*(i) Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

*(ii) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CM** xehdet (vide affidavit a fol 21) illi l-kontendenti bdew ir-relazzoni taghhom fis-sena 2000 u izzewwgu nhar id-9 ta' Mejju 2004 fil-Knisja Parrokjali ta' San Gorg, Hal Qormi. Xehdet illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar is-26 ta' April 2010 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Xehdet illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment lejn xulxin u kkonfermat li ilhom ma jirrisjedu flimkien sa mis-sena 2009. Di piu, sostniet illi f'dawn l-ahhar ghaxar snin qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Finalment iddikjarat illi hi u JF ddecidew li jinizjaw dawn il-proceduri sabiex jottjenu d-divorzju stante li ilhom ghal dawn l-ahhar ghaxar snin separati minn xulxin u t-tnejn li huma ghandhom hajja

totalment separata minn xulxin.

**JF** xehed (vide affidavit a fol 18) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet CM.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Mejju 2004, liema zwieg jgib c-certifikat numru 527/2004 (vide certifikat taz-zwieg Dok A a fol 28 3). Di piu', jirrizulta illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 26 ta' April 2010 (vide Dok.B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Gie ppruvat ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 527/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**